MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 83/2009

Kawza fil-lista: 39

**A B**
**vs**
**C D E,**
**f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri F B,**
**Direttur tar-Registru Pubbliku,**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi fit-18 ta' Mejju 2007 twieldet il-minuri F B li giet irregistrata bhala bint ir-rikorrenti A B u bil-kunjom B kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok. A).

2. Illi r-rikorrenti m' huwiex il-missier naturali tal-minuri F B u dan kif se jigi muri waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi r-rikorrenti ma jridx li jibqa' jkun indikat bhala l-missier tal-minuri F, ghaliex dan ma jirrispekjax il-verita'.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi F B m' hijix wild naturali tar-rikorrent u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti medici biex isiru t-testijiet tad-DNA.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri F B billi fejn hemm miktub li isem il-missier huwa r-rikorrenti 'A B (Pieta' Malta)', dawn jigu mhassra u jigi mnizzel illi l-minuri msemmi huma ta' missier mhux maghruf.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D E li biha rrispondiet:

1. Preliminarjament, l-eccipjenti C D E proprio mhix il-legittima kuntradittrici ghat-talbiet tal-attur u konsegwentement ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fil-mertu, l-ewwel talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, billi l-attur innifsu, minn jeddu u sa minn qabel it-twelid, irrikonoxxa lill-eccipjenti F B bhala bintu.

3. Illi konsegwentement, anki t-tieni talba tal-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk

jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jirrizulta mill-Att tat-Twelid tal-minuri li r-rikorrent kien id-dikjarant tan-notifikazzjoni tat-twelid tat-tarbija flimkien ma’ l-intimata C D E u ghalhekk jehtieg li tingieb il-prova li kien hemm difett fil-kunsens da parti tieghu.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, mhux fl-ahjar interess tal-minuri li jigi dikjarat bhala iben missier ‘mhux maghruf’, u ghalhekk jekk l-allegat missier naturali huwa effettivament maghruf ghandu jigi kjamat fil-kawza.

4. Illi minghajr pregudizzju wkoll, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu, il-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku [DNA] prezentat u mahluf mill-esperti l-Analista Christopher Farrugia, u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla F - li twieldet mill-konvenuta C D E fit-18 ta’ Mejju 2007 u li fuq

ic-certifikat tat-twelid taghha numru 1612/07 tinsab indikata bhala l-wild ta' l-attur, mhijiex fil-fatt il-wild naturali u bijologiku ta' l-attur; u talab ukoll il-konsegwenzjali korrezzjonijiet fl-isemmi att tat-twelid.

Minn naha taghha l-konvenuta C D E, fl-ewwel lok teccepixxi li hi, f' isimha proprju, mhijex il-legittimu kontradittur f' din il-kawza, u sekondarjament, li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-attur, "minn jeddu", irrikonoxxa lit-tifla bhala bintu.

**Il-Fatti**

Illi l-fatti sodisfacentement provati huma s-segwenti.

Illi l-attur u l-konvenuta C D E kellhom relazzjoni ta' bejn tlieta u erba' snin li matulhom huma kien ikollhom relazzjonijiet intimi minghajr protezzjoni, fuq bazi frekwenti u regolari.

Sussegwentement dawn kellhom xi jghid u ir-relazzjoni giet terminata. L-attrici bidet tohrog ma guvni iehor; izda, wara ftit xhur, skopriet li kienet tqila, u nformat b' dan lill-attur, u qaltlu li hu kien il-missier tat-tarbija. Dan accetta din il-verzjoni tal-konvenuta li, allura tterminat ir-relazzjoni li kellha mar-ragel l-iehor, u l-partijiet irrezumew ir-relazzjoni ta' bejniethom.

Peress li l-attur kien accetta dak li qaltlu l-konvenuta E, u cioe' li hu kien il-missier tat-tarbija, huwa assuma r-responsabblita' ta' missier, fosthom li jirregistra lit-tarbija fuq ismu. Fil-frattemp il-partijiet bdew jikkoabitaw flimkien; izda r-relazzjoni regghet iddeterjorat, bir-rizultat li dawn ma baqghux jghixu flimkien. L-attur pero' baqa jzomm kuntatt mat-tifla u kompla jassumi r-responsabbilitajiet ta' missier.

Izda biz-zmien beda jidhol suspett fl-attur li t-tifla ma kienitx bintu, stante informazzjoni mghoddija lilu minn terza persuna. Ghalhekk huwa ried li jaghmel it-testijiet tad-DNA; imma l-konvenuta rrezistiet din it-talba ta' l-attur, u fil-fatt baqghet tirrezistiha anke fil-mori tal-proceduri.

Illi r-rapport xjentifiku kkonferma s-suspetti ta' l-attur, stante li r-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA kkonfermaw li t-tifla F B mhijiex il-wild naturali ta' l-attur.

Ghaldaqstant t-talbiet ta' l-attur huma sostnui mill-provi u jimmeritaw lil jigu milqugha.

Illi, in kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez il-Qorti hi tal-fehema li, kuntrarjament ghall-impressjoni li pprovat taghti l-konvenuta E fl-affidavit taghha, l-istess konvenuta ma kienitx propensa li taccetta volontarjament li jsiru t-testijiet xjentifici, liema fatt wassal sabiex din il-Qorti kellha tappunta esperti medici biex jaghmlu dawn it-testijiet. Inoltre, kienet l-konvenuta li qalet lill-attur li l-wild kienet tieghu, bil-konsegwenza li dan irregistrah fuq ismu, filwaqt li l-provi juru li hija kienet inveritjera ma' l-attur f' dan ir-rigward. B' hekk kellhom isiru l-proceduri odjerni, u ghalhekk huwa gust li l-ispejjez kollha, necessitati mill-komportament taghha, jithallsu kollha minnha.

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta C D Caruna, il-Qorti tosserva li din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li f' kawza bhal dik in dizamina, li tikkoncerna [1] l-istatus civili tal-wild taghha, u [2] ir-reputazzjoni ta' l-istess konvenuta, l-omm ghandha nteress guridiku sufficjenti biex tkun legittimu kontradittur f' din il-kawza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta C D E, tilqa' t-talbiet ta' l-attur, u tiddikjara li t-tifla F B li twieldet mill-imsemmija konvenuta fit-18 ta' Mejju 2007, mhijiex il-wild naturali u bijologiku ta' l-attur, u konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 1612/2007 fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tar-rapport xjentifiku, ghandhom ikunu a kariku tal-konvenuta C D E f' isimha proprju.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------